Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 40 – Il-Ħamis 9 t'April 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-1.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Laqgħa b'urġenza rigward il-monument tal-Football**

Is-Sindku rrefera għall-messaġġ li rċieva minghand Paul Stellini, l-artist tal-monument tal-Football, rigward id-diżapprovazzjoni tiegħu għal mod kif sar it-taraġ tal-monument. It-taraġ sar b'madum tat-travertine. Is-Sindku talbu jmur fuq il-post biex jiltaqgħu u jiddiskutu izda s-Sur Stellini kien irrabjat ħafna. Is-Sindku fil-fatt irrefera għall-email li Stellini bagħat lill-Kunsill bit-titlu 'Diżappuntat' fejn wera d-dizapprovazzjoni tiegħu għal mod kif tmexxa x-xogħol tal-monument il-Kunsill. Huwa talab biex jiġi diżassoċjat mal-proġett u fl-ebda ħin ma jissemma' ismu.

Il-Kunsill qabel li setgħa kien hemm komunikazzjoni aktar bejn iż-żewg partijiet imma huwa setgħa wera aktar interess waqt l-andament tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondih b'dan il-mod:-

"B'referenza ghall-email tiegħek, u skond it-talba tieghek stess, nixtieq ninfurmak li l-Kunsill iltaqa' llum b'urgenza fis-13:00 biex jiddiskuti din l-email tieghek.

Il-Kunsill jixtieq jinfurmak li wara li ntaghzel id-disinn tieghek ghal dan il-monument, u li r-responsabilita' tieghek kienet biss ghad-disinn u tibdil fih, ħarget offerta ghax-xogħolijiet u li għaliha ma kien hemm l-ebda sottomissjoni. Il-Kunsill għalhekk mar għal *direct orders* fil-parametri tal-finanzi tal-Kunsill. Hekk kif inbdew ix-xogħolijet kellhom isiru modifikazzjonijiet fit-turġien billi tiżdied tarġa peress li kellha sservi bħala platform biex tirrimedja d-diżlivell li kien hemm fil-qisien provduti minnek. Fil-fatt anke l-feature tac-cagħaq kellu jiġi eliminat peress li ma kienx hemm wisgħa biżżejjed madwaru. Rigward il-materjal li ntuża fit-taraġ, nikkonfermawlek li huwa travertine non-slip u għalhekk jista b'xi mod ivarja xi ftit mit-travertine uzat għal monument, pero l-Kunsill l-ewwel poġġa s-safety tal-individwu qabel l-estetika. Nifhmu li setgħa kien hemm lok ta' aktar konsultazzjoni pero' inħossu li dan setgħa jsir kemm minna kif ukoll minnek. Minn naħa l-oħra l-Kunsill iħossu d-diżgustat b'ċertu verbal li ntuża fl-email tiegħek fil-konfront tal-kunsilliera għax l-interess ewlieni tagħhom kien li jsir monument li jfakkar din il-ġrajja u huwa fl-obbligu tal-Kunsill li jissalvagwardja l-finanzi tal-Kunsill b'mod għaqli. Il-Kunsill huwa kuntent ħafna bis-disinn tiegħek u jirrispetta x-xewqa tiegħek li fl-ebda hin ma jissemma' ismek. Nirringrazzjawk tas-servizz professjonali tiegħek u nsellu għalik."

Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandu jkompli għaddej bix-xogħolijiet fuq il-monument u jmexxi bl-istess program tal-inawgurazzjoni.

Is-Sindku qal li hu kien kellem lil-enġiniera tad-dawl dwar it-trinka tad-dawl għal Belvedere u ltaqgħu fuq il-post. L-enġiniera ħarġet bi proposta differenti u qaltilna li t-trinka m'hemmx bżonn li ssir. Hi pproponiet li jeħel il-metre tad-dawl f'kaxxa mal-kamra l-antika li hi tal-Gvern li hemm fil-Belvedere u din tiġi mqabbda ma kaxxa oħra tad-dawl li hemm eżistenti tal-GO. Trid issir trinka żgħira minn din il-kaxxa għal ġol karma li nbniet mal-Belvedere għas-spejjeż tal-Kunsill. Is-Sindku qal li b'hekk il-Kunsill franka ħafna flus billi ġiet eleminata l-proposta li kien hemm qabel li ssir trinka.

Il-laqgħa ntemmet fis-2:30pm.

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**